MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1866/2003

**Carmelo sive Nenu Aquilina**

**Vs**

**Richard Cuschieri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-likwidazzjoni tad-danni li ma jaqbizx is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra x-xhieda ta' l-attur li jahdem San Vincenz de Paule fejn jghid li dakinhar ta' l-incident kien hiereg minn *ring road* minn San Vincenz de Paule u hekk kif wasal mal-kantuniera fit-tarf, hareg vann misjuq mill-konvenut u sar l-impatt. Jikkonferma li minfejn hareg il-konvenut kien hemm *Stop Sign*.

Bhala hsara jghid li kellu l-*bonnet*, id-dwal u l-*mudguard*.

L-attur ma jaqbilx li minn dik it-triq li ghadda hu suppost jghaddu vetturi. Jikkonferma li l-*gate* li hemm kienet miftuha u ghalhekk ghadda sabiex inizzel xi affarijiet.

Ra x-xhieda ta' Charles Said li huwa Chief Security Officer f'San Vincenz de Paule fejn jghid li jaf fejn sehh l-incident u jikkonferma li hemm triq gejja fuq ir-*ring road* u hemm *Stop Sign*.

Jghid illi f'Dicembru 2002 ma kienx hemm *gates* izda ma jafx ezatt meta saru. Jikkonferma li l-karozzi kienu jghaddu fid-direzzjoni li kienet sejra l-karozza ta' l-attur.

Said jghid li l-incident ma rahx.

Said jghid ukoll illi mhux suppost jghaddu karozzi privati mid-direzzjoni minfejn kien gej l-attur izda biex ihottu l-affarijiet ghall-kcina bilfors minn hemm riedu jghaddu.

Ra x-xhieda tal-konvenut li ilu jahdem San Vincenz de Paule mill-1989 u jikkonferma li l-*gate* kienet ilha hemm. Jghid li fejn kien diehel l-attur mhux il-kcina hemm izda d-dining. Jghid ukoll illi l-attur gie *wrong side*.

Jghid illi l-incident sar meta hu kien qabad niezel u l-attur baqa' diehel go fih. Jikkonferma li llum il-gurnata maghluqa t-triq. Jghid ukoll illi dakinhar ta' l-incident il-*gate* kienet maghluqa minfejn hareg l-attur.

Jikkonferma li kien jaf li kien hemm *Stop Sign* izda hu qatt ma kien jieqaf ghaliex jghid li l-i*Stop Sign* mhix qieghda ghall-karozzi li hiergin minn dik it-triq.  Jikkonferma wkoll illi kien jaf li karozzi jew vannijiet kienu jaqbdu u jidhlu f'dik it-triq.

Jghid illi hares qabel ma sar l-incident izda ezatt kif hareg minn mal-hajt tal-kcina gie l-attur u sar l-impatt.

**Ikkunsidra**

Illi l-konvenut ammetta li kien hemm *Stop Sign* izda ma waqafx.  Illi m'hemmx dubju li l-konvenut ma kellu ebda dritt li jinjora l-i*Stop Sign*.  Illi l-incident gara ghaliex il-konvenut minflok waqaf u hares jekk setax johrog minn *Stop Sign* minghajr ma jostakola t-traffiku, ghazel li jibqa' ghaddej.

Gew esebiti l-ircevuti u d-danni ma gewx ikkontestati.

Ghaldaqstant filwaqt li jichad ir-Risposta tal-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-ammont ta' hames mija u sebgha u sebghin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm577.74c) u l-ispejjez tal-kawza kif ukoll l-imghax relattiv mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------